MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' April, 2004

Avviz Numru. 44/2004

**Perit Rene' Buttigieg**

**Vs**

**Noel Scerri**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti Lucia Scerri, wara li ippremettiet illi l-mandat fuq indikat gie ezegwit fil-fond Flat 5, Block E, Qasam tad-Djar, Triq Barbara, Hamrun;

Illi l-fond in kwistjoni hija r-residenza ordinaria u unika tal-esponent u di konsegwenza l-mobbli li jinsabu b'dan l-fond jappartjenu lila u mhux lil Noel Scerri;

Illi meta l-Marixxal gie sabiex jezegwixxi l-mandat premess, l-esponenti kienet informatu b'dan l-fatt, izda xorta wahda l-marixall kompla bl-esekuzzjoni u qabad l-

kamra tas-sodda fejn Noel Scerri jorqod meta jigi ghand l-esponent;

Illi dawn il-fatti jidhru car mill-mandat u dan peress illi l-marixall in kwistjoni nizzel dan il-fatti kollha fil-mndat in kwistjoni.

L-esponenti talab, umilment, lill din l-Onorabbli Qorti sabeix tirrilaxcia l-kamra tas-sodda li qieghed maqbud bis-sahha tal-Mandat ta' Qbid numru 2435/03, u dan taht dawk l-provediment li jidhrila xierqa u opportuni.

Rat id-digriet Taghha precedenti (fol 4 tal-atti).

Rat ir-risposta tal-intimat (fol 13 tal-atti) u li biha espona bir-rispett:

Illi dil-gimgha gie notifikat bir-rikors ta' Lucia Scerri mart l-intimat Noel Scerri, li bih qed tikkontesta il-Mandat ta' Qbid kontra zewgha li gie esegwit fis-17 ta' Novembru 2003, fid-dar Flat 5 Block E, Qasam tad-Djar, Triq Barbara, Hamrun.

Illi fir-rikors taghha, ir-rikorrenti talbet biex il-kamra tas-sodda maqbuda mill-marixxall, fl-ezekuzzjoni tal-ordni ta l-Qorti bil-mandat ta' qbid, tigi rilaxxjata, stante li l-fond in kwistjoni hija r-residenza ordinarja u unika taghha, u di konsegwenza l-mobbli li jinsabu f'dan il-fond jappartjenu lilha u mhux lill-zewgha Noel Scerri.

Illi fir-rapport tieghu, il-marixxal ddikjara skond ma inghata taghrif waqt l-access tieghu din il-kamra tas-sodda ilha mixtrija 30 sena, u Noel Scerri mill-bieb 'l gewwa m'ghandu xejn.

Illi l-esponent unilment jitlob biex din l-Onorabbli Qorti tichad it-talba indikata fir-rikors taghha minn mart Noel Scerri, stante li fost affarijiet ohra:-

1. Kull notifika dejjem saret f'dan il-fond, u accettata,

2. Met l-esponent cempel f'dan il-post fin-numru 21221033 biex, qabel ma talab il-hrug tal-Mandat ta' Qbid, kellem lill-Noel Scerri, f'attentat li jevitalu spejjes zejda f'proceduri legali, kien l-intimat li rrispondieh u kellmu fuq it-telefon, u dan b'mod aggressiv.

3. Fil-proceduri legali, l-indirizz tal-intimat dejjem gie indikat bhala fil-post fejn gie esegwit l-ordni tal-Qorti Blokk E Flat 5 Housing Estate, Hamrun, kfi jidher mill-annessi dokumenti.

4. Illi jekk mart l-intimat Noel Scerri qed tippretendi li mill-bieb l'gewwa, zewgha l-intimat ma ghandu xejn, kif gie indikat lill-marixall, inkluza l-kamra tas-sodda, mixtrija madwar 30 sena ilu, u dan kontra kull presunzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, l-istess Lucia Scerri ghandha se mai tippprova dak li qed tipprova tallega.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment biex din l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-mandat ta' qbid, kif esegwit fis-17 ta' Novembru 2003.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, mill-provi prodotti jidher li skond digriet moghti fit-13 ta' Novembru 2003, il-Qorti, kif diversament presjeduta kienet awtorizzat il-hrug ta' mandat ta' qbid esekuttiv fil-konfront ta' Noel Scerri, bin ir-rikorrenti u mhux "zewgha" kif hemm, erroneament, indikat fir-risposta tal-intimat. Kif risultanti mill-verbal ta' esekuzzjoni redatt mill-Marixxal kienet giet maqbuda kamra tas-sodda kif hemm deskritta u 'li kienet tinsab fil-kamra fejn jorqod l-istess Noel Scerri. Mill-istess dokumenti, jidher r-rikorrenti kienet sostniet illi l-istess oggetti maqbudin kienu ilhom mixtrijin ghal madwar tletin sena u "…. Li mill-bieb il-gewwa (binha) ma ghandu xejn tieghu inklus din il-kamra tas-sodda". Meta xehdet <u>ir-rikorrenti</u> (fol 26, fol 31 u fol 35 et seq ibid) hi qalet li Noel Scerri jirrisjedi maghha fil-post fejn gie esegwit il-mandat, detenut minnha b'titolu ta' kera minghand il-Gvern ta' Malta. Hi kompliet billi regghet sostniet illi l-ghamara

kollha fir-residenza taghha kien, kollu kemm hu jappartjeni lilha waqt li binha kien bla xoghol minhabba disabilta fizika f'idu u f'saqajh. Fil-fatt Noel Scerri (fol 28 u fol 39 et seq ibid) semma li kellu pensjoni ta' disabilta ta' Lm120 fix-xahar uzat minnu sabiex "… nixtri xi haga x'niekol" minghajr ma jaghti xejn lill-ommu. L-intimat, kif jidher a fol 41 tal-atti jsostni li r-rikorrenti ma hiex registrata ghall-vot fil-post fejn gie esegwit il-mandat. Difatti minn dan id-dokument jidher li registrati ghal vot f'dan il-post, hemm biss Noel Scerri u Maria Scerri, bint l-istess rikorrenti. Pero' dwar dan il-punt, ir-rikorrenti dejjem sostniet u rrepetiet illi hi dejjem ghexet fl-istess post "… ghal dawn l-ahhar wiehed u tletin sena".

Ikkunsidrat

Illi, dwar it-talba in esami u wara li gew meqjusa l-fatti kif hawn fuq esposti, wara li l-Qorti rat u ikkonsidrat dak li gie allegat mill-intimat dwar jekk ir-rikorrenti tiresjediex o menu fil-post in kwistjoni l-istess Qorti tara li dak li xehedu kemm l-istess rikorrenti kemm binha ghandu jigi emmnut u ghalhekk l-oggetti maqbudin ghandhom jigu kunsidrati bhala appartanenti lill-istess rikorrenti.

Ghandu jigi notat li r-rikorrenti sostniet dan il-punt b'mod konsistenti, mill-bidu nett cjoe minn meta gie esegtwit dan il-mandat tal-Marixxal involut u presenti l-istess rikorrenti.

Illi, ghalhekk, it-talba in esami ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talba in esami u tordna r-rilaxx tal-kamra tas-sodda in kwistjoni u li giet maqbuda bis-sahha tal-mandat ta' qbid numru 2435/03.

In rigward l-ispejjes, fic-cirkustanzi kif risultanti, kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------